# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 17**

**Rikors Ġuramentat Numru 612/2021 NC**

**Mariella Grech**

**vs.**

**Perit Martin Xuereb u John Vella**

Illum 14 ta' Diċembru 2021

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tal-attriċi Mariella Grech (*a fol.* 61 *et seq.*) ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2021 fejn talbet is-segwenti:

> "Għaldaqstant, u in vista ta' dak su espost, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi l-kontumaċja ta' l-esponenti hija waħda

ġustifikata u konsegwentement tordna u tawtorizza lill-istess esponenti sabiex tippreżenta Risposta Ġuramentata għall-Kontro-Talba fi żmien minnha impost għal tali skop."

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ. .

Rat id-Digriet tagħha (*a fol.* 65) tat-30 ta' Settembru 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-kontro-parti bi żmien għaxart (10) ijiem għar-Risposta.

Rat ir-Risposta tal-konvenut John Vella (*a fol.* 68) ippreżentata fil-25 ta' Ottubru 2021.

Rat ir-Risposta tal-konvenut il-Perit Martin Xuereb (*a fol.* 69 *et seq.*) ippreżentata fid-29 ta' Ottubru 2021.

Semgħet, fis-seduta tat-24 ta' Novembru 2021, is-sottomissjonijiet finali dwar ir-Rikors hawn fuq imsemmi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti, qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward ta' dak mitlub fir-Rikors promutur, tinnota li jkun opportun li l-ewwel issir riferenza għas-segwenti:

- fl-24 ta' Ġunju 2021 l-attriċi Grech intavolat il-kawża odjerna permezz ta' Rikors Ġuramentat (*a fol.* 1 *et seq.*) kontra l-Perit Martin Xuereb u John Vella;

- fil-5 ta' Awwissu 2021 il-konvenut John Vella ppreżenta Risposta Ġuramentata (*a fol.* 48 *et seq.*) għall-kawża hawn fuq imsemmija;

- fl-10 ta' Awwissu 2021 il-konvenut Perit Martin Xuereb ppreżenta Risposta Ġuramentata (*a fol.* 54 *et seq.*) għall-kawża

Ġuramentata u ppreżenta wkoll Kontro-Talba (*a fol.* 56 *et seq.*) kontra l-attriċi Grech;

- minn riferta (*a fol.* 53 *tergo*) jirriżulta li fis-16 ta' Awwissu 2021 l-attriċi Mariella Grech ġiet notifikata bir-Risposta Ġuramentata u l-Kontro-Talba hawn fuq imsemmija wara li l-imsemmija atti ġew mogħtija lil Sarah Grech, li fir-riferta hija ndikata bħala *"mart binha"*;

- in-notifika tar-Risposta Ġuramentata u l-Kontro-Talba hawn fuq imsemmija lill-attriċi Mariella Grech saret fl-indirizz 202, Triq San Pawl, Naxxar (*a fol.* 53) li huwa l-istess indirizz li l-attriċi ndikat fir-Rikors Ġuramentat tagħha (*a fol.* 6);

- fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 60), il-Qorti ddikjarat li l-attriċi Mariella Grech kienet tinsab fi stat ta' kontumaċja fejn jirrigwarda l-Kontro-Talba tal-konvenut il-Perit Martin Xuereb.

**Ikkunsidrat**

Illi l-vertenza li hija mitluba tiddeċiedi fuqha l-Qorti permezz ta' dan il-provvediment tirrigwarda t-talbiet mressqa fir-Rikors tat-28 ta' Settembru 2021 hawn fuq imsemmi.

Illi, fir-Rikors tagħha (*a fol.* 61 *et seq.*), l-attriċi Grech tilqa' għall-kontumaċja fir-rigward tal-Kontro-Talba tal-konvenut il-Perit Martin Xuereb billi tgħid li:

- it-tifel tagħha kien infurmaha permezz ta' telefonata li kienet irċeviet dokumenti mill-Qorti u x'ħin staqsietu x'kien hemm miktub, huwa qalilha li kien hemm *"Ir-Risposta Ġuramentata tal-Perit"*;

- id-dokumenti li ġew notifikati kienu kollha mwaħħlin f'mazz wieħed u li kemm binha kif ukoll l-attriċi Grech ma ndunawx li kien hemm Kontro-Talba;

- kien biss lejlet l-ewwel seduta tal-Qorti, wara li tkellmet mal-konsulenta legali tagħha bi preparazzjoni għall-ewwel seduta, li ndunat bil-Kontro-Talba in kwistjoni;

- xejn ma ndikala fl-ewwel faċċata tad-dokumenti li kien hemm Kontro-Talba u li anqas ma kien hemm fit-titolu tal-atti li kien hemm Kontro-Talba u li l-istruttura tad-dokument, u ċioé l-fatt li fit-tieni faċċata kien hemm elenku tax-xhieda u nofs paġna vojta, wassal lil binha ma jindunax li kien hemm Kontro-Talba;

- minħabba li l-attriċi mhijiex persuna legali ma kinitx taf li kien hemm il-possibbilta' li jkun hemm Kontro-Talba;

- fil-korp tar-Risposta Ġuramentata tal-Perit Martin Xuereb ma kienx hemm indikazzjoni li l-konvenut Xuereb kien sejjer jagħmel Kontro-Talba u hu lanqas qatt ressaq pretensjonijiet kontra tagħha;

- l-Avviżi tar-Reġistru tal-Qorti kienu nieqsa.

Illi, waqt is-smiegħ tas-sottomissjonijiet finali dwar ir-Rikors *de quo*, il-konsulenta legali tal-attriċi Grech tressaq ukoll l-argument li l-Qrati tagħna għamlu distinzjoni bejn il-persuni li juru disinteress totali għall-proċedura u dawk li għal xi raġuni jew oħra ma jilħqux jippreżentaw Risposta Ġuramentata imma jkunu preżenti għas-seduta fil-Qorti.

Illi, filwaqt li fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 68) l-konvenut John Vella jgħid li huwa kompletament estraneju għar-relazzjoni ġuridika li hemm bejn l-attriċi u l-konvenut intimat l-ieħor Xuereb u b'hekk irrimetta ruħu għal ġudizzju tal-Qorti, fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 69 *et seq.*) il-konvenut il-Perit Martin Xuereb wieġeb is-segwenti:

- in-notifika saret lill-attriċi Grech u mhux lill-konsulenta legali tagħha minħabba l-fatt li kien hemm Kontro-Talba annessa mar-Risposta Ġuramentata;

- l-attriċi Grech impliċitament irrikonoxxiet in-notifika tal-Kontro-Talba;

- il-verżjoni tal-attriċi Grech mhijiex kredibbli u li n-notifika ma saritx f'idejn binha imma f'idejn martu u li la bin l-attriċi u lanqas martu ma kkonfermaw il-fatti;

- l-attriċi tagħti x'tifhem li hija ma tgħix fejn ġiet notifikata u li kienet ir-responsabilita' tagħha li tagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex tiġbor id-dokumenti tal-Qorti minnufih u mhux wara li għadda ż-żmien;

- in-notifika tar-Risposta Ġuramenatata u l-Kontro-Talba saret fl-indirizz li l-attriċi indikat bħala r-residenza tagħha fir-Rikors Ġuramentat tagħha u jekk fil-verita' ma tirrisjedix hemm, hija kien imissha niżżlet l-indirizz proprju tagħha fir-Rikors Ġuramentat;

- fir-Risposta Ġuramentata tiegħu huwa ndika b'mod ċar li kien għadu ma tħallasx u li huwa qatt ma rrinunzja għad-dritt li jitħallas iżda dejjem ipprova jsib soluzzjoni mal-attriċi Grech.

Illi, qabel il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tar-Rikors *de quo*, il-Qorti terġa tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar il-fuq:

- li minn riferta (*a fol.* 53 *tergo*) jirriżulta li l-attriċi Mariella Grech ġiet notifikata bir-Risposta Ġuramentata u l-Kontro-Talba hawn fuq imsemmija wara l-imsemmija atti ġew mogħtija lil Sarah Grech, li fir-riferta hija ndikata bħala *"mart binha"*;

- in-notifika tar-Risposta Ġuramentata u l-Kontro-Talba hawn fuq imsemmija lill-attriċi Mariella Grech saret fl-istess indirizz li l-attriċi ndikat fir-Rikors Ġuramentat tagħha.

Illi l-Qorti żżid billi tgħid illi minkejja li mar-Rikors *de quo* l-attriċi Grech ippreżentat affidavit tagħha, filwaqt li fl-istess affidavit anqas biss indenjat issemmi isem binha, anqas biss, jekk ħadet l-isbrigu li tagħmel affidavit tagħha, li thejji affidavit ta' binha u/jew ta' mart binha!

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** (Appell Ċivili Numru 126/2003/1), fejn il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

> "Deċiżjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istitut tal-kontumaċja u l-prinċipji li għandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs. Carmelo Vassallo** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn fiha ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin:
>
> (1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;
>
> (2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;
>
> (3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;
>
> (4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;
>
> (5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;

> (6) L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;
>
> (7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"*;
>
> (8) L-impossiblita' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.
>
> Dawn l-istess prinċipji ġew riaffermati f'diversi deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom **Paul Grixti vs. Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili fit-12 ta' Diċembru 1975, u d-deċiżjoni fl-ismijiet **Margaret Bugeja et vs. Alfred Ellul** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999".

**Ikkunsidrat**

**<u>Negliġenza</u>:**

Illi l-Qorti tinnota li l-istitut tal-kontumaċja huwa istitut li għandu l-għan li jippenalizza dik il-parti li ma tagħtix każ is-sejħa tal-Qorti. Dan il-punt ġie estensivament imfisser mill-Qrati tagħna b'mod ripetut. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Zammit noe et vs. Agostino Zammit** (Ċitazzjoni Numru 1314/2000/2) deċiża fil-11 ta' Marzu 2003 fejn ingħad is-segwenti.

> "Illi l-istat tal-kontumaċja huwa bbażat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tiegħu wera kontumelja u dispett għas-sejħa tal-Qorti meta huwa ġie konvenut biċ-ċitazzjoni u hija din id-disubidjenza li l-liġi trid tippunixxi in kwantu kontumaċja bħal dik hija element ta' disordni soċjali. (**"Joseph Vella proprio et noe vs John Vella"** - A. K. 21 ta' Mejju 1993).

Illi pero' sabiex tiġi ġustifikata l-kontumaċja, trid tkun ġusta kawża (**"Paul Grixti vs. Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi"**); u tali kawża ġusta trid tikkonsisti fl-impediment leġittimu (XXXVIII.i.393); biex ikun leġittimu tali impediment irid ikun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi (XLII.i. 811; XXIX.i.1581), b'dan għalhekk li l-konklużjoni loġika ta' dawn il-prinċipji huwa illi *"f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja ġie dejjem ritenut li m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire"* (**"Carmelo Bugeja vs. Mary xebba Farrugia"** A.C. 16 ta' Frar 1996.).

Illi pero' xorta l-Qorti tqis il-kontumaċja bħala miżura ta' natura punittiva neċessarja sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti, pero' minħabba s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li timporta, r-rigorożita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u nterpretata b'mod ristrettiv. (**"Emanuela Gerada et vs. Joseph Abela et"** - A.C. 17 ta' Marzu 1997).

Illi għalhekk in vista tal-prinċipju fondamentali *audi alteram partem* il-Qorti għandha obbligu li la darba jidher il-konvenut, tara jekk għandux raġunijiet ġusti sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu, u dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-**Artikolu 158(10)** kif emendat bl-Att. XXIV tal-1995, fejn il-Qorti tiddikjara li l-istess konvenut li huwa kontumaċi biss jekk *"kemm-il darba ma jipprovax għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba 'il għala jkun naqas li jippreżenta l-istess nota ta' eċċezzjonijiet"."*

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li għadu kemm ġie kwotat u tagħmlu tagħha.

Illi l-Qorti kkunsidrat fit-tul dak li qalet l-attriċi Grech fl-affidavit tagħha. Minn dak li qalet, il-Qorti hija tal-fehma li l-argument

mressaq minnha sa fejn jirrigwardaw in-notifika u x'għamlet bid-dokumenti juru livell ta' negliġenza da parte tagħha. L-argument tagħha li ma kinitx taf li seta' jkun hemm Kontro-Talba mhuwiex ta' fejda għax l-inqas ħaġa li wieħed jista' jagħmel f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa li tal-anqas iċempel lill-avukat tiegħu u jinfurmah li rċieva xi dokumenti mill-Qorti. Lanqas ma huwa ta' fejda l-argument li hija ħasbet li l-konsulent legali tagħha kienet ser tirċievi l-istess dokumenti. L-interess fil-kawża huwa dejjem vestit fil-parti tal-kawża u hija dejjem ir-responsabilita' tal-parti li jara li l-konsulent legali tiegħu għandu f'idu d-dokumenti kollha neċessarji sabiex ikun jista' jespleta l-inkarigu tiegħu.

Illi, dwar in-negliġenza fil-kuntest ta' kontumaċja, il-Qrati tagħna dejjem saħqu li din ma twassalx għal livell ta' ġustifikazzjoni li hija neċessarja f'dawn iċ-ċirkostanzi. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal dak deċiż fit-13 ta' Marzu 2018 fil-kawża fl-ismijiet **R F noe et vs. T X** (Rikors Numru 190/17/1) fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Illi din il-Qorti hija konkordi mal-ġurisprudenza l-aktar kostanti fuq il-materja tal-kontumaċja illi l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, u dan għaliex tqis li t-termini għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji, stabbiliti statutorjament, qegħdin hemm biex joħolqu sistema proċedurali stabbli u uniformi li huma elementi essenzjali f'kull proċess ġudizzjarju. Għalhekk, taqbel ukoll illi filwaqt li l-konvenut irid jafferma kawża ġusta sabiex jissana l-kontumaċja tiegħu, kawża li tkun attribwibbli għall-volonta' jew culpa tiegħu, m'hijiex 'kawża ġusta' [1].
>
> F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza nostrana, *"f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja ġie dejjem ritenut li m'għandux ikun hemm*

[1] **Victoria Tabone et vs. Daniel Orsini** – Prim'Awla; deċiża 4 ta' Lulju 2017.

*negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-każ, il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn għaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire"*[2]*.*

**Kontumaċja Formali u Sostanzjali:**
Illi l-Qorti sejra issa tistħarreġ l-argument l-ieħor imressaq mill-attriċi Grech dwar id-distinzjoni magħmula mill-Qrati tagħna bejn il-kontumaċja formali u sostanzjali. Għandu jingħad li jkun hemm kontumaċja formali meta din tirriżulta mill-atti u ssir sostanzjali meta tkun ikkonfermata fl-udjenza. Din id-distinzjoni kienet issir fil-passat iżda l-ġurisprudenza l-aktar reċenti ħadet pożizzjoni aktar riġida fuq dan il-punt. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-kawża li diġa saret riferenza għaliha aktar il-fuq fl-ismijiet **Maria Zammit noe et vs. Agostino Zammit**, fejn il-Qorti qalet:

> "Pero' l-presenza tal-konvenut fil-proċeduri waħedha, bla raġuni valida ta' ġustifikazzjoni ta' kontumaċja ma jfissirx li hija biżżejjed sabiex jingħata l-opportunita' jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, għaliex allura *"l-istitut tal-kontumaċja jiġi dilwit sal-punt li jiġi rez kompletament bla effikaċja u inopperattiv kull fejn il-konvenut jagħżel li jidher fl-ewwel seduta........Din l-interpretazzjoni hi waħda li tmur kontra mhux biss kontra l-ittra u l-ispirtu tal-liġi, imma ukoll kontra kull sens ta' ġustizzja proċedurali kif espressa fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili….."* (**"Joseph Aquilina et vs. Lino Debono"** - A.C. 7 ta' Ottubru 1997)". [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti terġa tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** li diġa saret riferenza għaliha aktar il-fuq, fejn il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

---

[2] **Carmelo Bugeja vs. Mary xebba Farrugia**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar 1996.

> "Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. <u>Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita' ġudizzjarja</u>. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija inveċe meħtieġa bħala <u>parti</u> mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies <u>bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat</u> fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."

Illi l-Qorti taqbel ma' dawn l-insenjamenti t'hawn fuq u tagħmilhom tagħha u b'hekk sa fejn il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja hija marbuta mal-preżenza waqt is-seduta fil-Qorti tal-attriċi Grech, din mhux ser titqies bħala suffiċjenti.

**<u>Artikolu 156(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>:**

Illi l-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistħarreġ l-ilment tal-attriċi Grech li fil-paġna ta' quddiem tar-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Xuereb ma kien hemm xejn x'jindika li kien hemm Kontro-Talba u għalhekk, skont hi, Artikolu 156(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġiex rispettat.

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li dwar ir-rikonvenzjoni, Artikolu 398(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew." [emfażi miżjuda]

Illi dan is-sub-Artikolu jagħmilha ċara li l-istruttura li trid tiġi segwita hija li l-ewwel jitressqu l-Eċċezzjonijiet għat-talba tal-attur u wara għandha titressaq il-Kontro-Talba. Dwar dan issir riferenza għad-deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2015 fl-ismijiet **Webcraft Limited (C–20466) vs. Evan Cumbo eżerċenti l-kummerċ bl-isem 'Mireva Bookshop'** (Citazzjoni Numru 686/2011) fejn il-Qorti qalet:

> "Illi l-liġi trid li dik il-parti mħarrka li tkun trid (u tista') tagħmel il-proċedura tar-rikonvenzjoni, għandha tagħmel dan fit-Tweġiba tagħha bil-miktub. Tgħid ukoll li "l-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali[3]". Għalkemm dan dejjem inftiehem bħala att li jitressaq fl-istess waqt li titressaq il-kontestazzjoni oriġinali għall-pretensjonijiet attriċi kif jinstabu fl-att promotur, huwa maħsub li l-att tal-kontro-talba ma hemmx għalfejn li ta bilfors ikun parti mit-Tweġiba nnifisha (sakemm ikun kemm jista' jkun iħares il-forma tal-att proċedurali li bih il-proċediment ikun l-ewwel inbeda), għalkemm jitressaq magħha."

Illi dan jirriżulta li ġie segwit mill-konvenut Martin Xuereb meta ġiet ippreżentata r-Risposta Ġuramentata u l-Kontro-Talba tiegħu.

[3] Art. 398(2) tal-Kap. 16.

Illi l-attriċi tilmenta li fil-paġna ta' quddiem tal-inkartament li irċeviet ma kienx hemm dak li jeżiġi Artikolu 156(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, hija l-fehma tal-Qorti li s-sub-Artikolu in kwistjoni japplika għar-Rikors Ġuramentat waqt li l-ewwel parti tal-inkartament in kwistjoni ried ikun ir-Risposta Ġuramentata. Fl-artikoli rilevanti għar-Risposta Ġuramentata ma hemmx l-istess obbligi li hemm stabbiliti taħt Artikolu 156(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-ewwel faċċata tal-Kontro-Talba (li ssir b'Rikors Ġuramentat) tinkludi fiha r-rekwiżiti tal-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward issir riferenza għal dak li ġie deċiż fit-23 ta' Jannar 2014 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawża fl-ismijiet **A B vs. C D** (Rikors Ġuramentat Numru 97/2013), fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Jidher ċar illi l-Leġislatur ried li tali avviż ikun fl-ewwel paġna tar-rikors ġuramentat preċiżament taħt l-intestatura tal-Qorti proprju sabiex jevita ċirkostanzi bħal dawk in diżamina. Il-fatt li l-avviż ma kienx fuq l-ewwel paġna tar-rikors ġuramentat tal-attur ħoloq il-possibilta' verosimili illi verament il-konvenuta ma indunatx b'dan l-avviż. Fil-każ partikolari, il-volum relattivament elevat ta' paġni li ġew notifikati lill-konvenuta komplew jawmentaw il-possibilta' li l-konvenuta sfuġġilha l-avviż *de quo*."

Illi għalhekk, ġialadarba l-obbligu li hemm stabbilit taħt Artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta japplika għal Rikorsi Ġuramentati u mhux għal Risposti Ġuramentati, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut Xuereb osserva l-obbligi mposti mil-liġi meta ppreżenta l-Kontro-Talba tiegħu mar-Risposta Ġuramentata, li *del resto* għandu jingħad li fl-ewwel paġna tal-Kontro-Talba tiegħu (li kienet annessa mar-Risposta Ġuramentata) hemm indikat b'ittri kbar u b'kulur skur:

**"MIN JIRĊIEVI DAN IR-RIKORS MAĦLUF (KONTRO-TALBA) KONTRA TIEGĦU GĦANDU JIPPREŻENTA R-RISPOSTA MAĦLUFA TIEGĦU FI ŻMIEN GĦOXRIN (20) JUM MID-DATA TAN-NOTIFIKA, U ĊIOÉ MINN META JIRĊEVIHA. JEKK MA TIĠIX IPPREŻENTATA R-RISPOSTA MAĦLUFA BIL-MIKTUB KIF TRID IL-LIĠI SAŻ-ŻMIEN IMSEMMI, IL-QORTI TGĦADDI BIEX TAGĦTI D-DEĊIŻJONI SKOND IL-LIĠI.**

**GĦALHEKK HUWA FL-INTERESS TA' MIN JIRĊIEVI DAN IR-RIKORS MAĦLUF LI JKELLEM AVUKAT BLA DEWMIEN SABIEX IL-QORTI TISMA' X'GĦANDU XI JGĦID FIL-KAWŻA."**

Għalhekk, sa fejn il-ġustifikazzjoni tal-attriċi Grech hija bbażata fuq Artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta anqas din mhu ser titqies bħala suffiċjenti.

**<u>Nuqqas tal-Avviż tal-Qorti</u>:**
Illi dwar dak sollevat mill-attriċi Grech li ma l-atti tal-Kontro-Talba ma kienx hemm l-Avviż tal-ammont li jrid jitħallas, il-Qorti tinnota li dan huwa argument bla ebda bażi. Il-Qorti tistaqsi: jiġifieri l-attriċi qed targumenta li kieku kien hemm l-Avviż tal-ammont li ried jitħallas kienet ser tinduna li kien hemm Kontro-Talba li kellha twieġeb għaliha?! Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li r-Risposta Ġuramentata u l-Kontro-Talba tal-konvenut Xuereb kienu sempliċement sitt paġni twal u li r-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Xuereb kienet biss żewġ paġni twila u li fit-tielet paġna tal-inkartament (fejn kien hemm il-Kontro-Talba) l-attriċi Grech kellha l-kliem imsemmi aktar il-fuq miktuba b'ittri kbar u skuri li kellha twieġeb għall-Kontro-Talba fi żmien għoxrin ġurnata.

Illi b'hekk anqas ser titqies illi hija suffiċjenti l-ġustifikazzjoni tal-attriċi Grech fir-rigward tan-nuqqas tal-Avviż tal-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi stabbiliti l-punti t'hawn fuq jibqa' il-fatt li l-attriċi Grech ma ressqet l-ebda raġuni valida sabiex tkun tista' tiġġustifika l-kontumaċja tagħha għall-Kontro-Talba tal-konvenut il-Perit Martin Xuereb.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi Grech hekk kif kontenuti fir-Rikors tagħha ppreżentat fit-28 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 61 *et seq.*).

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu kollha kemm huma mill-attriċi Mariella Grech.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**